*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,565, 18 ta' Marzu, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 158 tal-2010**

## ATT DWAR IL-LIBERTÀ TA' L-INFORMAZZJONI (KAP. 496)

### Regolamenti tal-2010 dwar Ħlasijiet Imposti mill-Awtoritajiet Pubbliċi għall-Aċċess għal Dokumenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 42(ċ) tal-Att dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Ħlasijiet Imposti mill-Awtoritajiet Pubbliċi għall-Aċċess għal Dokumenti. Titolu.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-21 ta' April, 2010.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:- Tifsir.

"proċessar" tirreferi għall-attivitajiet relatati mal-identifikazzjoni, tiftix jew ġbir ta' dokumenti jew informazzjoni, konsultazzjonijiet mmexxija minn kull persuna jew korp ta' persuni fir-rigward tal-possibbiltà tal-iżvelar ta' dokumenti jew informazzjoni, jew l-editjar tad-dokumenti jew informazzjoni sabiex tintlaħaq talba ta' applikant; u

"talba unika" tfisser talba għal dokument wieħed jew talba għal informazzjoni speċifika jew relatata mill-qrib.

**3.** L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jimponu ħlas tal-ipproċessar għall-aċċess għal dokumenti jew informazzjoni skont l-Ewwel Skeda. Ħlas tal-ipproċessar.

**4.** Kull fejn spejjeż addizzjonali jintefqu minn awtoritajiet pubbliċi biex jagħmlu disponibbli għall-applikant id-dokument jew l-informazzjoni mitluba minnu, irrespettivament mill-forma preferita mill-applikant fit-talba tiegħu, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jimponu ħlas addizzjonali skont it-Tieni Skeda. Ħlas Addizzjonali.

Barra minn hekk, ħlasijiet addizzjonali jistgħu jiġu imposti mill-awtoritajiet pubbliċi skont it-Tielet Skeda fejn l-applikant jesprimi preferenza u jingħata aċċess għal dokument billi jispezzjonah fil-fond tal-awtorità pubblika.

**5.** Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolamenti 3 u 4, il-ħlas impost fir-rigward ta' talba unika ma jistgħax jaqbeż it-total ta' €40. Ħlas Massimu għal kull talba unika.

Provvediment ta' informazzjoni fir-rigward ta' ħlasijiet.

**6.** Kull fejn awtoritajiet pubbliċi jimponu ħlasijiet skont dawn ir-regolamenti, referenza għandha ssir għal dawn ir-regolamenti. Din ir-referenza għandha tkun inkluża fil-formoli tal-applikazzjoni tal-awtorità pubblika maħruġa skont ir-Regolamenti tal-2010 dwar Applikazzjonijiet u Formoli Oħra.

Applikanti jiġu informati dwar il-ħlas applikabbli għal talbiet speċifiċi.

**7.** L-awtoritajiet pubbliċi għandhom ifittxu li jinfurmaw lill-applikant dwar il-ħlas applikabbli għat-talba tiegħu fl-iqsar żmien possibbli.

## L-EWWEL SKEDA
**(Regolament 3)**

| | |
|---|---|
| Talbiet li jeħtieġu anqas minn sagħtejn xogħol għall-ipproċessar ..... | €5 |
| Talbiet li jeħtieġu tal-anqas sagħtejn xogħol għall-ipproċessar imma anqas minn tlett siegħat ..... | €10 |
| Talbiet li jeħtieġu tal-anqas tlett siegħat xogħol għall-ipproċessar imma anqas minn erbgħa siegħat ..... | €15 |
| Talbiet li jeħtieġu tal-anqas erbgħa siegħat xogħol għall-ipproċessar | €20 |

## IT-TIENI SKEDA
**(Regolament 4)**
**Ħlasijiet Addizzjonali**

| | |
|---|---|
| Fotokopji u *Faxes*: | €00.12 għal kull paġna |
| Medja Diġitali: Spiża tal-Prezz tal-mezz diġitali użat (e.ż. disc) | |

## IT-TIELET SKEDA
**(Regolament 4)**
**Ħlasijiet Addizzjonali**

| | |
|---|---|
| Spezzjoni li ma taqbiżx siegħa ..... | €5 |
| Spezzjoni li ma taqbiżx sagħtejn ..... | €10 |
| Spezzjoni li ma taqbiżx tlett siegħat ..... | €15 |
| Spezzjoni li taqbeż tlett siegħat ..... | €20 |
| Fil-każ ta' ħafna sessjonijiet ta' spezzjoni, l-Awtorità Pubblika għandha timponi il-ħlas billi jingħaddu s-siegħat li l-applikant ikun dam jispezzjona d-dokument. | |